DEĊIŻJONIJIET

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2023/309

tas-6 ta' Frar 2023

li taħtar tliet membri u membru supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 305 tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/852 tal-21 ta' Mejju 2019 li tiddetermina l-kompożizzjoni tal-Kumitat tar-Reġjuni ([1]),

Wara li kkunsidra l-proposti tal-Gvern Taljan,

Billi:

(1) Skont l-Artikolu 300(3) tat-Trattat, il-Kumitat tar-Reġjuni għandu jkun kompost minn rappreżentanti tal-korpi reġjonali u lokali, li jew ikollhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali jew ikunu politikament responsabbli quddiem assemblea eletta.

(2) Fl-10 ta' Diċembru 2019, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2019/2157 ([2]), li taħtar il-membri u l-membri supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025. Fis-6 ta' Ottubru 2021, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2021/1834 ([3]) li taħtar sitt membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(3) Konsegwentement għal tmiem il-mandat nazzjonali li abbażi tiegħu ġew proposti għall-ħatra s-Sur Sergio CACI, is-Sur Guido CASTELLI u s-Sur Salvatore Domenico Antonio POGLIESE saru vakanti s-siġġijiet ta' tliet membri fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(4) Konsegwentement għar-riżenja tas-Sur Roberto PELLA, sar vakanti s-siġġu ta' membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni.

(5) Il-Gvern Taljan ippropona lir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali ta' awtorità reġjonali jew lokali bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni għall-bqija tal-mandati attwali, li jintemmu fil-25 ta' Jannar 2025: Is-Sur Lorenzo GALLIGANI, *Consigliere del Comune di Pistoia* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Pistoia), u s-Sur Andrea Putzu, *Consigliere della Regione Marche* (Membru tal-Kunsill Reġjonali ta' Marche).

(6) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Roberto PELLA, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Valdengo (BI)* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Valdengo (BI)) bħala membru fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Mejju 2024.

([1]) ĠU L 139, 27.5.2019, p. 13.

([2]) Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2019/2157 tal-10 ta' Diċembru 2019 li taħtar il-membri u l-membri supplenti tal-Kumitat tar-Reġjuni għall-perjodu mis-26 ta' Jannar 2020 sal-25 ta' Jannar 2025 (ĠU L 327, 17.12.2019, p. 78).

([3]) Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2021/1834 tas-6 ta' Ottubru 2021 li taħtar sitt membri u erba' membri supplenti, proposti mir-Repubblika Taljana, fil-Kumitat tar-Reġjuni (ĠU L 372, 20.10.2021, p. 11).

(7) Il-Gvern Taljan ippropona lis-Sur Antonio DECARO, rappreżentant ta' korp lokali li għandu mandat elettorali ta' awtorità lokali, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Bari), bħala membru supplenti fil-Kumitat tar-Reġjuni sal-31 ta' Mejju 2024,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Ir-rappreżentanti li ġejjin ta' korpi reġjonali jew lokali li għandhom mandat elettorali huma b'dan maħtura bħala membri fil-Kumitat tar-Reġjuni:

(a) bħala membri:

— Is-Sur Lorenzo GALLIGANI, *Consigliere del Comune di Pistoia* (Membru tal-Kunsill Muniċipali ta' Pistoia), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

— Is-Sur Roberto PELLA, *Sindaco del Comune di Valdengo (BI)* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Valdengo (BI)), sal-31 ta' Mejju 2024,

— is-Sur Andrea PUTZU, *Consigliere della Regione Marche* (Membru tal-Kunsill Reġjonali ta' Marche), għall-bqija tal-mandat attwali, li jintemm fil-25 ta' Jannar 2025,

u

(b) bħala membru supplenti:

— Is-Sur Antonio DECARO, *Sindaco del Comune di Bari* (Sindku tal-Muniċipalità ta' Bari), sal-31 ta' Mejju 2024.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fid-data tal-adozzjoni tagħha.

Magħmul fi Brussell, is-6 ta' Frar 2023.

Għall-Kunsill
Il-President
J. ROSWALL